MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Rikors Ta Revoka Numru. 249/2007

**Fl-Atti tar-Rikors għat-Tħassir ta' Mandat ta' Qbid Eżekuttiv bin-numru 117/07 fl-ismijiet:**

**Katya VELLA**

**vs**

**Bernard VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Joseph Vella fis-6 ta' Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, huwa talab li l-Qorti tħassar il-Mandat Eżekuttiv ta' Qbid maħruġ fit-2 ta' Mejju, 2007, fl-ismijiet "*Katya Vella vs Bernard Vella*" u biex tordna li l-vettura maqbuda bis-saħħa tal-imsemmi Mandat tkun rilaxxata u meħlusa minn kull restrizzjoni;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kreditriċi eżekutanti Katya Vella fit-13 ta' Ġunju, 2007, li biha laqgħet għat-talba msemmija billi qalet li l-proċedura li biha nqeda r-rikorrent ma tiswiex għaliex il-Mandat ma nħariġx kontrih. Qalet ukoll li ma kienx minnu dak li semma r-rikorrent dwar il-karozza maqbuda, għaliex ma kienx minnu li huwa sidha. Tgħid ukoll li dak li seħħ kien biss pjan li bih żewġha, iben ir-rikorrent, jipprova jiżloq mill-obbligi li l-Qorti kienet qegħdet fuqu fis-sentenza li biha stabiliet il-firda personali ta' bejniethom;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors, u kif ukoll tal-Mandat li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2007, li bih ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar it-talba mressqa;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' Mandat Eżekuttiv. Joseph Vella jgħid li huwa sid ta' karozza tal-għamla *Suzuki Vitara*, reġistrata PRI-250, li nqabdet b'eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid u jrid li, ladarba m'huwiex id-debitur ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat, dak il-Mandat jitħassar u li l-imsemmija karozza tinħeles mill-effetti tiegħu;

Illi bħala <u>fatti rilevanti għall-każ</u> jingħad li r-rikorrent jiġi missier żewġ il-kreditriċi eżekutanti. Il-kreditriċi eżekutanti, Katya Vella, u żewġha nfirdu personalment bis-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti tas-6 ta' Diċembru, 2006[1]. Din is-sentenza ma kinitx appellata. Fiha, il-Qorti qasmet il-ġid tal-partijiet, u assenjat il-karozza mertu tal-każ lir-raġel, l-intimat eżekutat Bernard Vella. Ir-raġel kien ordnat, fost l-oħrajn, iħallas lil martu xi somom b'kumpens għal krediti li kellha kontrih u wkoll rata ta' manteniment għal binthom minuri, u kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża (ħlief għal xi temperamenti hemm imfissra). Fl-20 ta' April, 2007[2], il-karozza bidlet l-idejn u għaddiet fuq

[1] Dok "A", f'paġġ. 10-3 tal-proċess
[2] Dokument f'paġġ. 2-3 tal-proċess

isem ir-rikorrent. Fit-30 ta' April, 2007, Katya Vella talbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid Eżekuttiv[3]. Fit-2 ta' Mejju, 2007, inħareġ il-Mandat in kwestjoni, bl-eżekuzzjoni tintalab li ssir fid-dar tar-residenza tad-debitur Bernard Vella, li hija wkoll id-dar fejn joqgħod missieru r-rikorrent. L-eżekuzzjoni tal-Mandat saret fil-5 ta' Ġunju, 2007[4], u dak inhar il-karozza tqegħdet taħt il-kustodja ta' konsenjatarja, Ruth Vella, miġjuba mill-eżekutat Bernard Vella nnifsu. L-għada, r-rikorrent fetaħ din il-kawża;

Illi bħala <u>konsiderazzjoni ta' xejra legali</u> jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti tistħarreġ l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimata eżekutanti. Din tgħid li l-proċedura li nqeda biha r-rikorrent ma tiswiex, għaliex il-Mandat ma nħariġx kontrih. Din il-kawża hija waħda mibdija taħt l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm ir-rikorrent ma jsemmix dak l-artikolu espressament. Imma, fil-każ partikolari, ma jistax ikun mod ieħor, għaliex ir-rikors promotur ma jirrispettax il-forma preskritta għar-Rikors Maħluf skond l-artikolu 156 tal-Kodiċi, u jidher ċar li huwa att li jissemma fl-artikolu 283A. Dan l-artikolu jipprovdi li **kull min jinħareġ kontrih att esekuttiv** jista' jagħmel rikors lill-Qorti li tkun ħarġet dak l-att biex jitlob it-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, għal raġuni valida skond il-liġi;

Illi huwa evidenti li r-rikorrent tal-lum, Joseph Vella, m'huwiex il-persuna li kontrih inħareġ il-Mandat. Il-Mandat, inħareġ kontra ibnu, li lanqas biss idddaħħal fil-kawża u lanqas biss intalbet kontrih imqar in-notifika tal-atti. Persuni li kontrihom ma jinħareġ l-ebda Mandat ma jistgħux jitolbu t-tħassir tiegħu[5], għall-istess raġuni li tali Mandat ma jagħmilx stat kontrihom imma biss kontra min ikun inħareġ. Dan jintrabat ukoll mal-fatt li Mandat eżekuttiv jiddependi fuq titolu eżekuttiv li, f'dan il-każ, huwa sentenza ta' din il-Qorti, li fiha r-rikorrent ma kienx parti;

---

[3] Paġ. 15 tal-proċess

[4] Ara kopja tar-riferta f'paġ. 16 tal-proċess

[5] Ara, per eżempju, P.A. NC **11.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Grima vs Jason Camilleri et***

Illi għalhekk, jidher ċar li r-rikors huwa milqut minn nullita' kif maħsub fl-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kodiċi;

Illi, minbarra dan, ir-raġuni li għaliha r-rikorrent jipprova jwaqqa' l-Mandat ukoll ma tistax titqies ta' siwi. Huwa jgħid li huwa s-sid tal-karozza maqbuda u għalhekk qiegħed jitlob it-tħassir tal-Mandat. Għalissa, l-Qorti mhix sejra tidħol fil-kwestjoni jekk ir-rikorrent huwiex jew le tassew is-sid tal-karozza (liema fatt huwa kontestat mill-intimata eżekutanti), imma wkoll kieku dan il-fatt m'huwiex kontestat dak li ser jingħad jgħodd l-istess. Il-fatt li l-ħaġa maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' Mandat ma tkunx parti mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-Mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-eżekuzzjoni[6]. Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni, m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-Mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi u sakemm min jattakkaha ma jkunx huwa nnifsu d-debitur tal-Mandat li jkun[7]. Min-naħa l-oħra, t-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ma ssirx taħt l-artikolu 283A[8];

Illi l-prattika stabilita, mbagħad, hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' Mandat, irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Maħluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawża, għalkemm imwettaq b'ġurament, jonqos f'partijiet essenzjali tiegħu mill-forma stabilita fl-artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Proċedura;

Illi għalhekk ukoll, ir-rikors imressaq mir-rikorrent Joseph Vella ma jiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) tal-imsemmi Kodiċi;

Illi ladarba jirriżultaw dawn il-fatti, mhux il-każ li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni ta' jekk huwiex minnu jew le li l-karozza maqbuda bis-saħħa tal-Mandat hijiex tassew tar-rikorrent jew le;

---

[6] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)(mhux publikat)

[7] P.A. GCD **28.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Gianfranco Tolio vs Danuta Komarzynic***

[8] App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kolez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tidddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimata eżekutanti Katya Vella u tiddikjara irritu r-rikors imressaq mir-rikorrent Joseph Vella għall-finijiet tal-proċedura mressaq taħtha, u għalhekk qegħda teħles lill-intimata mill-ħarsien tal-ġudizzju; u

Għalhekk **tiċħad it-talba tar-rikorrenti** bl-ispejjeż kontra tiegħu, u bla ħsara ta' kull azzjoni oħra xierqa li jista' jkollu jedd iressaq fir-rigward.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------